**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 86, 87 (1) ( g), 198, 201 (b), 207 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**YANNICK JONATHAN CHATELLE**
**(I.D. Franciza: 120974300281)**

**Illum, 8 ta' Novembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **YANNICK JONATHAN CHATELLE**, iben Philippe u Catherine nee' Mouret, imwieled Belgium nhar it-12 ta' Settembru 1984, residenti 94, Rue Madame De Strait, 74160, Sanit Julien Engenevios, Franza u detentur tal-karta tal-identita' Franciza 120974300281 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-17 ta' Awwissu 2016 fil-hinijiet bikrin ta' filghodu f'dawn il-gzejjer;

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Isabel Pantoja Ludena.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommettew attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Isabel Pantoja Ludena.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr setgha skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Isabel Pantoja Ludena kontra l-volonta' taghha u dan sabiex igieghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Isabel Pantoja Ludena skond Artikolu 383. tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-okkorenza li jinsab a fol. 9 et sequitur, dikjarazzjoni tal-assistenza legali a fol. 13, stqarrija ta' l-imputat a fol. 14 et sequitur, vera kopja tal-ID Card tal-imputat a fol. 18, fedina penali a fol. 8, u ID Card barranija tal-imputat a fol. 7 tal-Process.

Rat il-Proces Verbal esebit fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2016.

Rat illi fid-19 ta' Ottubru, 2016 meta gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta' Ottubru, 2016 (fol. 162) u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

**Isabel Pantoja Ludena,** l-allegata vittma xehdet nhar il-20 ta' Awwissu, 2016 u spjegat li hija kienet waslet Malta fil-jum tal-Gimgha ta' qabel, ma setghetx tibqa' fl-iSprachcaffe u ghalhekk marret f'hostel maghrufa bhala PB Hostel u hija baqghet hemm sal-ghada filghodu. Mistoqsija mill-Qorti jekk tafx lill-akkuzat spjegat li iva tafu. Spjegat li huwa joqghod fis-sular ta' fuqha. Hija ma kienitx taf lill-akkuzat qabel ma gie Malta. Hija giet Malta fil-jum tal-Gimgha l-ahhar gurnata ta' Lulju.

Mistoqsija mill-Qorti meta saret taf lill-akkuzat spjegat li ma tafx ezattament. Qalet li ma tiftakarx il-gurnata in patikolari, madanakollu tiftakar li f'dik il-gurnata in kwistjoni huma kellhom ikla filghaxija flimkien u hija staqsiet lill-istudenti li kienu qrib jekk kinux jafu x'gara lejliet. Hija spjegat li ma tiftakar xejn x'gara f'dak il-lejl mill-hdax ta' bil-lejl (23:00) sas-sitta tal-ghada filghodu (6:00am). Fil-fatt tikkoregi ruhha u tghid li ma kienx il-hdax ta' bil-lejl (23:00) imma l-hdax u nofs (23:30).

Spjegat li filghodu sabet lilha nnifisha fuq is-sufan tal-appartament taghha, madanakollu l-akkuzat ma kienx hdejha. Hija spjegat li dak li tiftakar minn dik il-lejla hu li marret tiekol mal-akkuzat u hbieb ohrajn, kielu, xorbu l-inbid u hija marret go flat iehor flimkien mal-

hbieb taghha. Dan il-flat ma kienx tal-akkuzat. Hemmhekk hadet zewg (2) cocktails ohra.

Tiftakar li f'dik il-lejla kienet xorbot tnejn (2) jew tliet (3) tazzi inbid, zewg (2) cocktails u l-inbid li kien gab l-akkuzat. Fil-fatt l-akkuzat kien sajjar l-ikla ta' filghaxija fl-appartament tal-habib taghha fejn imbaghad kielu l-ikla ta' filghaxija. Hija tiftakar li f'dik il-lejla l-akkuzat kien ghallem lill-habib/a taghha kif tizfen, imbaghad huwa beda jizfen ma' persuna ohra u wara zifen maghha. Hija spjegat li tiftakar li kien hemm xi hbieb ohrajn jistennewha f'appartament iehor. Qalet li kien qed isir il-hin u li kellhom jitilqu mill-iskola ghax kien hemm numru ta' studenti ta' eta' izghar u ghalhekk ma setghux idumu barra sa tard.

Hija spjegat li Mike qalilhom li l-appartament inkwistjoni kien gewwa l-iskola u fil-fatt huma telqu kollha f'daqqa, ghalkemm imbaghad ziedet li ma tafx jekk l-akkuzat kienx ghadu fl-appartament mal-hbieb l-ohrajn taghha jew jekk iltaqghatx mieghu direttament fil-parkegg tal-karozzi. Spjegat li kienu numru ta' nies.

Spjegat li tiftakar li sakemm kienu fil-parkegg tal-karozzi l-akkuzat kellu flixkun inbid maghluq u ried jifthu biex jixorbu. Madanakollu hija kienet ghajjiena hafna dak il-lejl u riedet tmur l-iSprachcaffe. Hija spjegat li ma tafx kif eventwalment waslet hemm u kompliet li sakemm kienet l-iSprachcaffe kienet qed thossha konfuza hafna, pero' ma tafx jekk dan hux konsegwenza tal-alkohol li kienet xorbot jew inkella jekk kinitx inghatat xi sustanza. Taf zgur pero' li hija ma hadet l-ebda sustanza minn jeddha. Mistoqsija kemm kienet xorbot mill-

flixkun tal-inbid li kellu l-akkuzat waqt li kien fil-parkegg tal-karozzi spjegat li ma tafx ezatt peress li hija xorbot dirett mill-flixkun. L-akkuzat ukoll xorob mill-istess flixkun u ma tafx kemm xorob. Stqarret li ma tiftakarx jekk fil-fatt huma xorbux il-flixkun kollu jew le u li ma tiftakar xejn iktar x'gara.

Spjegat li ghamlet rapport fejn qalet li hija giet arrestata mill-akkuzat minhabba li rat *footage* fejn kien jidher li ma riditx tmur fil-flat tieghu. L-incident gara fil-lejl tas-sittax (16) ta' Lulju 2016 madwar nofs il-lejl. Tenniet li meta qamet l-ghada filghodu il-mobile taghha ma kienx hdejha u kellha numru ta' grif fuq idejha. Meta qamet sabet ruhha fuq is-salott tal-*living room* tal-appartament taghha u kienet ghadha liebsa l-istess libsa tal-lejl ta' qabel u l-bra, imma mhux il-hwejjeg ta' taht.

Spjegat li kienet qed thoss xi haga stramba fil-parti privata taghha imma ma tiftakarx ezatt x'kien. Spjegat li lill-akkuzat regghet kellmitu fis-sbatax (17) ta' Lulju ghall-habta tal-ghaxra (10:00) jew il-hdax (11:00) ta' filghodu fejn dan qalilha li lejliet hija kienet xurbana hafna u li rremettiet fuq is-sodda tieghu. Staqsietu x'kien gara mill-mobile phone taghha u fil-fatt marret ticcekkja jekk kinitx hallietu hemm u fil-fatt kien ghandu u tahulha lura flimkien mal-flip-flops.

Tiftakar li meta qamet hadet *shower*, nizlet it-tarag biex marret fis-sular ta' taht, ghaddiet minn quddiem l-appartament tieghu u rat il-flip-flops taghha bil-hwejjeg ta' taht imdahhlin fih ma' genb il-bieb tieghu. Hija spjegat li peress li kien hemm hafna nies fil-madwar, hija ma waqfitx biex tigbor l-affarijiet taghha u meta rat li huwa taha biss il-flip-flops u l-mobile phone u ma tahiex l-affarijiet ta' taht, marret

tara fejn kien iz-zibel u rat li kien rema l-hwejjeg ta' taht taghha. Ghalhekk hemmhekk regghet gabrithom u hadithom fl-appartament taghha. Xi ftit sieghat wara staqsietu x'kien gara l-lejl ta' qabel u hu qalilha sabiex tinsa kollox, ghalkemm ma tiftakarx il-kliem ezatt li uza.

Sostniet li ma tiftakar xejn milli ghamlu flimkien f'dak il-lejl ghax ma tiftakarx xejn mill-hdax ta' filghaxija (23:00) sas-sitta (6:00am) tal-ghada filghodu. Marret issaqsi lil siehbu li kien joqghod fil-flat mieghu jekk il-hbieb li kellu mieghu fil-flat kienux raw xi haga. Quddiem wiehed minn shabu, li huwa terapista, lill-akkuzat staqsietu partikolarment jekk hija kelliex x'taqsam mieghu sesswalment u l-akkuzat ikkonferma li iva. Madanakollu huwa ma spjegalhiex f'liema stadju kienu waslu. Hija spjegat ukoll li staqsietu jekk uzax protezzjoni u huwa qalilha li iva. Staqsietu wkoll jekk kellhiex bzonn tmur l-isptar u qaltlu li dehrilha li kellu jiskuza ruhu maghha peress li ma kinitx taf x'gara.

Qalet li safejn tiftakar hi dak il-lejl ma kienitx nezghet. Spjegat li meta ma jkollhiex basket maghha hija tilbes il-bikinis u l-bra u meta qamet sabet li c-cavetta kienet ghadha fil-bra. Ix-xhud qalet li hija ghandha tlieta u ghoxrin sena (23). Spjegat li f'Barcelona hija ma tixrobx hafna ghaliex m'ghandiex hin bizzejjed biex tohrog. Madanakollu hawnhekk hija spjegat li bdiet tixrob l-inbid kuljum ghax shabha bdew jghallmuha kif ittiehem l-inbid ghaliex sakemm giet hawn ma kienitx thobbu.

Hija marret ghand il-pulizija l-bierah u dan ghaliex ma riditx tirrapporta l-incident mill-ewwel minhabba li hija u l-akkuzat huma kollegi, izda una volta rat il-*footage* hasbet li kellha tirrapporta l-incident. Stqarret li ma kienitx l-ewwel darba li xorbot daqshekk inbid hawn Malta, fil-fatt f'iljieli ta' qabel hija kienet ukoll ftit xurbana ghalkemm ma kienitx sikret.

Kompliet tghid li qabel dan l-incident tas-sittax (16) ta' Lulju, 2016 hija kienet iltaqghet drabi ohra mal-akkuzatl, u fil-fatt kienu hargu ma' xi hbieb. Darba minnhom marru Kemmuna ma' habib komuni taghhom u anke marru l-festival tal-inbid ma' xi hbieb ohrajn. Mieghu marret ukoll Paceville u hemm marru fi stabbiliment maghruf bhala Havana's flimkien ma' xi hbieb ohrajn. Stqarret li jista' jkun li kien hemm xi okkazjoni ohra imma hija spjegat li ma tiftakarx. Imbaghad ftakret li kien hemm okkazjoni meta huma marru l-Imdina u kielu hemmhekk ma' xi hbieb ohrajn. Qalet li fil-fatt huma dejjem ikunu l-istess grupp ta' hbieb. Ziedet li ghaliha l-akkuzat kien biss student iehor li gie hawn ghall-vaganza u ma kienx l-gharus taghha.

Sostniet li qabel dan l-incident ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda normali bhal ta' zewgt (2) ihbieb. Ma kien hemm xejn aktar minn hbiberija. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi hadd prezenti li ra x'kien gara fil-lejl in kiwsjoni, x-xhud wiegbet li ma taf b'hadd. Hija spjegat li filwaqt li tistudja hija tahdem ukoll. Hija tistudja l-electronics, telecommunications u engineering u tahdem bhala internal engineering. Din ma kinitx l-ewwel darba li giet Malta, u hija giet Malta biex titghallem l-Ingliz u anke ghall-vaganzi. Qalet li giet wehedha imma kienet taf xi studenti ohrajn mis-sena ta' qabel.

Qalet li fil-lejl in kwistjoni ma marritx f'kamritha peress li kienet fil-kumpanija tal-hbieb taghha, pero' stqarret li kienet konfuza, u ma kinitx konxja ta' x'qed taghmel u ma tiftakarx. Ex admisses tghid " *In fact, I'm not even aware that I went into his room",* u wara xi hadd qalilha li l-akkuzat kien joqghod fil-kamra ma' xi haddiehor.

Ix-xhud qalet li qatt ma kienet marret gol-kamra tal-akkuzat qabel u li marret hemm dakinhar ma tiftakarx. Spjegat li l-kamra tieghu tigi sular taht taghha. Kompliet li lanqas kif waslet sa kamritha ma tiftakar. Spjegat li kienet liebsa libsa bajda, qalziet ta' taht u bra. Il-libsa kienet fuq l-irkoppa. Hija qalet li kienet giet abbuzata ghaliex l-akkuzat kien stqarr li kellu x'jaqsam maghha. Mistoqsija jekk l-akkuzat kienx vjolenti maghha spjegat li hija ma tiftakar xejn milli kien gara.

**Jonathan Mizzi** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu, 2016 huwa kien gie nominat sabiex jigbor CCTV footage biex minnu jitnizzlu l-istills. Huwa ghalhekk ghamel dak mitlub minnu fejn nizzel tmienja u erbghin (48) stills li ghandhom x'jaqsmu ma' dan il-kaz. Esebixxa dan il-faxxikolu li l-Qorti mmarkat bhala dokument JM.

**PC405 Jason Schembri** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u kkonferma li huwa kien gie nominat fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2016 sabiex jiehu ritratti gewwa Room 453, 503B gewwa l-iSprachcaffe Pembroke. Huwa gie infurmat bl-inkarigu moghti lilu mill-Ispettur

Trevor Micallef ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23:00) u ghall-habta tal-hdax u nofs u hamsa (11:35) accede fuq il-post flimkien ma' PC 302 ma' Brian Alken. Mal-wasla kien gie indikat lilhom bieb bin-numru 503. Gewwa dan il-bieb kien hemm appartament zghir fejn hemm tliet (3) kmamar ohra oltre l-kamra tal-banju, 503B huwa l-bieb fejn allegatament sar dan ir-*rape*. Huwa esebixxa r-rapport tieghu flimkien ma' ghoxrin (20) ritratt li l-Qorti mmarkat bhala dokument PHOTO.

**PC302 Brian Alken** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti l-Magistrat Dr. Aaron Bugeja in konnessjoni ma' rapport dwar allegat stupru li sar fuq persuna ta' nazzjonalita' barranija. Id-digriet gie moghti lilhom fid-19 ta' Awwissu, 2016. Wara li kien gie infurmat mill-Ispettur Trevor Micallef ghall-habta tal-hdax (11:00) il-hdax u nofs ta' bil-lejl (23:30), huwa kien acceda fuq il-post indikat lilhom mill-Ispettur flimkien ma' PC 405 Jason Schembri. Acceda gewwa l-kamra bin-numru 503 fl-istabbiliment maghruf bhala Sprachcaffe', f'Pembroke. Maghhom kien hemm ukoll prezenti PC 906 mill-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Inoltre prezenti wkoll kien hemm l-interpretu Dr. Anthony Licari u s-susspettat certu Yannick Jonathan Chatelle, li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern. Hemmhekk iltaqghu mal-*accomodation manager* certu Philip Plantey detentur tal-karta tal-identita' numru 37769(A). Dana tahom access ghall-kamra bin-numru 503. Spjega li appena tidhol f'din il-kamra ssib *living area* bil-kcina, kamra tal-banju in komuni u bibien li jaghtu ghall-kmamar apparti. Missier Plantey fethilhom ukoll in-numru tal-bieb 503B u gie ndikat

lilhom li din kienet il-kamra li kienet qed tintuza mis-susspettat l-imputat odiern. PC 405 ha hsieb it-tehid tar-ritratti u huwa fil-fatt kien hemmhekk bhala *scene of crime officer* u eleva xi esebiti. Dawn huma kollha ndikati fir-relazzjoni li esebixxa u li l-Qorti mmarkat bhala dokument SOCO. Eesebixxa wkoll *submission form* li huwa kien ghadda lil Dr. Marisa Cassar u dan peress li kienet giet nominata bhala Serologista fl-atti ta' din l-istess inkjesta.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li f'din il-kamra kien hemm zewg (2) sodod wahda minnha kienet imqallba u l-ohra le.

**PC405 Jason Schembri** xehed in kontroezami nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li jikkonferma li r-ritratti esebiti fir-relazzjoni FOTO gew mehuda minnu. Mistoqsi ghaliex huwa gibed ritratti ta' sodda wahda biss spjega illi effettivament huwa gibed ritratti ta' zewg (2) sodod. Spjega illi l-kamra hija zghira hafna u ma tistax tigbed zewg (2) sodod f'ritratt wiehed. Spjega illi hemm ir-ritratt tas-sodda li kienet imqallba u tahtha hemm ritratt tas-sodda li kienet ma' genbha li kienet maghmulha. Dawn huma r-ritratti ndikati bhala Dok. 107, Dok. 108. Spjega illi l-imputat kien indikalhom illi s-sodda mqallba kienet dik li kien qed juza hu. Iddikjara li huwa fil-fatt ma tkellimx mal-imputat u allura dan ma indikalux fejn sehh sar dan l-allegat *rape*.

**Dr. Mario Scerri** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li huwa kien gie nominat bhala tabib forensiku sabiex jezamina lill-allegata vittma f'dan il-kaz u cioe' l-persuna ta' Isabel Pantoja Ludena. Spjega llum huwa jinsab f'posizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni

tieghu li l-Qorti mmarkat bhala dokument MS. Spjega li din it-tfajla kienet allegat illi fil-gurnata inkwistjoni fis-sular taghhom fil-kuridur kien hemm party u kienet hadet xi zewg drinks. Qalet li fost il-mistiednin kien hemm l-imputat.

Qaltlu wkoll li lill-imputat kienet tafu u li effettivament kienet marret mieghu fuq xi *outings* u qaltilhom ukoll illi dakinhar kien sar il-hin u kienu marru *party* iehor f'sular iehor f'iSprachcaffe stess.

F'xi hin is-security gibdilhom l-attenzjoni li kien sar il-hin u effettivament kienu marru jkomplu l-party gewwa l-*Park and Ride*. Hemmhekk spjegat illi regghet iltaqghet mal-imputat, li dan kellu flixkun inbid Rose' f'idejh li kien maghluq. Ikkonfermat li kien maghluq ghax kien talab ghall-*bottle opener*. Qalet li kienet hadet biss ftit *sips* mill-flixkun stess u kompliet lil mbaghad ma tiftakar xejn aktar x'kien gara. Li tiftakar huwa li l-ghada filghodu qamet gewwa l-flat taghha, kienet fuq is-sufan taghha, kienet liebsa libsa u ma kinitx liebsa qalziet ta' taht. Indunat ukoll li ma sabitx il-mobile u regghet marret l-iSprachcaffe biex tara jekk hallitux warajha u biex marret hemmhekk kellha tghaddi minn quddiem il-kamra tal-imputat u qalet li sabet il-*flipflops* u l-qalziet ta' taht taghha barra l-bieb tal-kamra li kien qed juza l-imputat. Hija ma gabrithomx peress li kien hemm in-nies. Il-*mobile* ma sabitux u regghet marret fil-kamra taghha. Strahet, qamet, hadet shower u marret gewwa l-Bistro biex issaqsi jekk rawx il-*mobile* taghha.

Hemmhekk rat lill-imputat li qalilha li l-mobile taghha kien qieghed ghandu. Qalet ukoll illi l-imputat staqsieha "ma tiftakarx li kellna x'naqsmu flimkien?" Ix-xhud zied jghid li l-allegata vittma qalet li l-

imputat kellu x'jaqsam maghha permezz ta' condom, pero' ma kienet taf xejn aktar. Jghid ukoll li it-tfajla spejgatlu wkoll li qabel kienet xorbot mhux hazin waqt il-*parties*.

Spjega li meta ezaminha sab li kellha abrazjoni fuq l-irkoppa, kellha tbengila fuq il-lumber region. Spjega illi l-feriti li kellha ma kienux ikkawzati bi vjolenza izda effettivament, probabbilment kienet selhithom ma' x'imkien. Kompla li *genitally* ma kien hemm l-ebda evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata, ghalkemm stqarr li meta ezaminah kienu ghaddew xi jumejn (2). Huwa ezaminaha f-d19 ta' Awwissu 2016 filwaqt li l-allegat stupru kien sehh xi tlett (3) ijiem qabel u cioe' fis-sittax (16) ta' Awwissu 2016 u spjega li aktar ma jghaddi z-zmien inqas hemm cans li ssib evidenza u jekk ikun hemm xi depositu ta' sperma remot hafna li jinstab.

Spjega illi jekk il-persuna tkun fis-sakra ma tantx tkun f'posizzjoni li toffri rezistenza u ghalhekk ikun hemm inqas sinjali. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-vittma qaltlux jekk l-imputat kienx xurban jew le, spjega li ma qaltlux u zied li jiddubita jekk kienitx f'posizzjoni li tiddetermina jekk huwa kienx fis-sakra jew le. Kompla jghid li jekk mhux sejjer zball kienet qaltlu li kienet habiba tal-imputat tant li anke marret Blue Lagoon mieghu. Xehed li ma sab l-ebda *grip marks* u indikazzjonijiet tas-swat. Vjolenza fuq il-persuna taghha ma sabx.

Kompla jispjega li meta bniedem jixrob b'mod eccessiv, huwa possibbli illi jitlef il-memorja u qal li fil-fatt dan l-ahhar kien hemm awment f'dawn ir-rapporti u l-vittmi kollha effettivament kienu xorbu ma jiftakrux id-dettalji ta'dak li jkun gara. Ikunu f'sura li ma jkunux kapaci jiftakru dak li ghamlu. Spjega li effettivament jekk persuna

tkun xorbot eccessivament mhux suppost li jkollha erezzjoni. Spjega li jekk l-imputat kien fis-sakra jista' jkun li minghalih li kellu x'jaqsam maghha jew forsi effettivament setghet kienet ix-xewqa tieghu li jkollu x'jaqsam maghha. Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li effettivament kien hemm xi penetrazzjoni. Kompla jispjega li gieli anke meta jkun hemm l-att sesswali konsenswali jista' jkun hemm xi sinjali ta' brix pero', ghalkemm dan mhux dejjem. Pero' jekk ikun hemm l-oppozizzjoni u ma jkunx hemm kunsens u l-mara tirrezisti jkun hemm aktar possibilta' ta' sinjali. Iddikjara li f'dan il-kaz ma sab xejn. Mistoqsi kemm effettivament xorbot din it-tfajla spjega illi ma jafx bl-ezatt, pero' li qaltlu hemm imnizzel fir-relazzjoni tieghu.

Sostna li jekk hija kienet intossikata tant li ma kinitx taf x'gara u ma garax, ma tantx tista' tkun f'posizzjoni timxi stabbli fuq saqajha. Fl-opinjoni tieghu it-tfajla kienet fi stat ta' intossifikazzjoni tant li ma kinitx taf x'qed jigri. Kompla li jekk l-imputat kien intossikat f'sakra daqsha, lanqas hu ma jimxi dritt. Qal li jekk ikollok drink biss, tkun taf x'qed taghmel.

**Spettur Trevor Micallef** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li fid-dsatax (19) ta' Awwissu 2016 kien gie infurmat ghall-habta tas-sebgha u nofs (7:30) ta' filghaxija mis-Surgent 750 li kien dahal rapport ta' tfajla ta' nazzjonalita' Spanjola bl-isem ta' Isabel Pantoja Ludena fejn din allegat illi ftit jiem qabel u cioe' bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' Awwissu, 2016 kienet giet stuprata minn wiehed li kienet taf u li bhala wkoll kien joqghod gewwa l-iSprachcaffe gewwa Pembroke, certu Yannick Jonathan Chatelle l-imputat prezenti fl-Awla. Meta kienet giet mistoqsija ghalfejn damet tlett (3) ijiem biex

tmur tirrapporta dan l-agir, din kienet qalet li kienet sabet ruhha fuq is-sufan fir-residenza fejn tghix hi u kienet liebsa l-hwejjeg pero' bla qalziet ta' taht. Kienet marret ticcekkja mieghu jekk kienx gara xi haga bejniethom u ghall-ewwel kien qalilha le pero' mbaghad meta kienet regghet staqsietu quddiem il-habib tieghu, kien qalilha li kienu ghamlu l-att sesswali flimkien. Hi riedet tkun certa li kien gara xi haga u fil-fatt kienet talbet lil tal-iSprachcaffe biex juruha xi CCTV footages. Fil-fatt fid-dsatax (19) ta' Awwissu, 2016 kienet rat dawn il-footages u kienet marret taghmel rapport ezattament wara.

Zied li hu ra dawn il-*footages* fejn Isabel Pantoja Ludena tidher qieghda ghaddejja fil-kuridur mal-imputat, tidher tixxengel kwazi min-naha ghall-ohra filwaqt li l-imputat ghaddej ma' genbha b'mod normali. Jidhru sejrin lejn il-kamra taghha, jergghu lura u jghinha tidhol fil-kamra tieghu. Wara ftit tal-minuti tidher hi hierga minn gol-kamra tieghu, taqa' mal-art, jigborha, jerfghaha sakemm qed tipprova zzomm mal-koxxa tal-bieb ta' barra pero' jirnexxielu jdahhalha fil-kamra. Wara ftit minuti jidhru regghu hergin qed jghinha lejn il-kamra taghha, jidher gej wahdu mbaghad lura, jidhol fil-kamra u johrog bil-*flipflop* taghha u li kien jidher li kien hemm xi haga go fih li mbaghad sussegwentement saru jafu li kien qalziet ta' taht.

Kompla jghid li l-imputat jidher qed johrog il-lozor tas-sodda tieghu wara l-bieb. In segwitu' l-pulizija kienet marret l-iSprachcaffe fejn kienet arrestat lill-imputat. Hu kien informa lill-Magistrat ta' l-ghassa li dakinhar kien il-Magistrat Aaron Bugeja fejn kien ordna li ssir inkjesta u hatar diversi esperti. Peress li kien sar il-hin, u peress li lill-imputat kien baghtu mal-pulizija tas-SOCO biex imur fuq il-post halli jkun prezenti waqt li qed jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom fil-

kamra, l-istqarrija ma hadhielux dakinhar pero' hadhielu l-ghada jigifieri fl-ghoxrin (20) t'Awwissu, 2016 fl-ghaxra u ghoxrin ta' filghodu (10:20am). Spjega li l-imputat kien tkellem mal-avukat il-gurnata ta' qabel, ma' Dr. Victor Bugeja fejn kien inghata s-soltu twissija wkoll.

Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta l-interpretu Dr. Anthony Licari li ttraduca mil-lingwa Maltija ghal dik Franciza u vice versa. Kien ghazel li jiffirma l-istqarrija li kien irrilaxxa. Fuq l-istqarrija gharaf il-firma tieghu, dik tal-imputat, tal-Ispettur Nikolai Sant u ta' Dr Anthony Licari. F'din l-istqarrija l-imputat qal li dakinhra tal-incident hu kellu x'jaqsam maghha bil-kunsens taghha.

**PS 750 Terry James Mallia** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u spjega li huwa jiftakar illi nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu, 2016 huwa kien prezenti waqt li l-pulizija kienet qed titkellem ma' tfajla ta' nazzjonalita' Spanjola gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u din bdiet tallega li fis-16 ta' Awissu 2016 hija kienet marret tixrob ma' xi hadd u li kienet tiftakar dak biss li effettivament kien gara sal-hdax u nofs ta' filghaxija (23:30). Qalet illi l-ghada filghodu qamet, sabet ruhha bla *underwear* u kellha xi *discomfort* fil-parti taghha. Huma ppruvaw ikellmuha biex jippruvaw jaraw ezattament x'kien gara u hi qaltilhom li kien hemm xi filmat gewwa Sprachcaffe.

Minn hemmhekk gabru l-filmat u hu beda jarah biex jara effettivament x'jirrizulta. Spjega illi min-nofs il-lejl u hdax (11)-il minuta (24:11) san-nofs siegha u tmien minuti (24:38) din il-mara kienet fil-kamra

tal-imputat odjern u spjega illi jidher li ghall-habta tal-kwarta (24:15) harget hi, waqghat ma l-art u fil-video jidher illi effettivament kienet bla *underwear*. Fil-fatt jidher li hu qed johrogha 'l barra u jaf li akkompanjaha gewwa kamra ohra. L-istess imputat jigi lura, jaqbad zarbun li rrizulta li kien taghha, tefghu barra b'xi haga bajda go fih u l-ghada filghodu skont hi sabet iz-zarbun taghha gewwa *dustbin* flimkien ma' *underwear* gewwa l-istess *dustbin* u wara dan l-episodju deher l-imputat kien qed jaqla' l-lozor u jitfaghhom ukoll ma' genb il-bieb tal-kamra tieghu. Stqarr li jaf li dawn huma lozor ghaliex kien hemm il-habiba tal-vittma u meta ndikahomlha din qaltlu li dawna kienu dawk li jkunu fuq is-sodda. Iddikjara li gharaf lill-imputat ghaliex dan kien gie arrestat qabel ma dahlu fil-kamra tieghu u jaf li jismu Yannick.

Spjega illi meta l-allegata vittma waqghat mal-art fil-video l-imputat jidher li qed jigborha minn mal-art, jerfghaha u jerga' jdahhalha fil-kamra, pero' hi tidher li qed izomm milli taqa' kif ukoll tidher qed taghti skoss 'l barra. Dan kollu jidher fil-filmat.

**PC 790 Nathan Zerafa** xehed nhar it-2 ta' Settembru, 2016 u kkonferma li kien qed jaghraf l-okkorrenza esebita f'dawn l-atti datata 19 ta' Awwissu, 2016 liema okkorrenza giet imdahhla fis-sistema minnu. Spjega li effettivament il-persuna li kienet marret taghmel ir-rapport jisimha Isabel Pantoja Ludena. Ikkonferma li dak kollu li qaltlu l-allegata vittma huwa rrapportat f'din l-istess okkorrenza.

**Dr Marisa Cassar** xehdet nhar il-15 ta' Settembru, 2016 u spjegat li hija kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Aaron Bugeja in konnessjoni ma' allegat stupru li sar fuq il-persuna ta' Isabel Pantoja Ludena, tfajla Spanjola li allegatament sehh fit-18 ta' Awwissu, 2016. Qalet li llum tinsab f'posizzjoni li tesebixxi r-relazzjoni taghha, liema relazzjoni giet esebita prezenzjalment u mmarkata bhala dokument MC. Irritornat ukoll l-esebiti li gew moghtija lilha sabiex taghmel l-ezami u l-inkarigu taghha.

Iddikjarat li hija kellha tezamina kampjuni intimi tal-vittma, xi hwejjeg tal-vittma, lizar ikkulurit, zewg (2) lozor bojod, *mattress cover*, investa, flokk vjola u *shorts checked* li kien fih *tissue.* Spjegat illi fuq l-esebiti kollha analizzati, u cioe' fuq l-affarijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-vittma, ma kien hemm xejn jaqbel ma' tal-vittma. Effettivament irrizulta li kien hemm xi dmija li kienu jaqblu mal-imputat kif ukoll demm ta' xi ragel iehor. Fuq il-vittma rrizulta li kien hemm biss affarijiet li jaqblu maghha stess, ghalhekk iddikjarat li <u>ma kien hemm l-ebda tracci tal-imputat fuq il-hwejjeg intimi tal-vittma</u>. Mistoqsi x'inhuma dawn l-affarijiet intimi wiegbet li dawn kienu qalziet ta' taht taghha u kampjuni li ttiehdu mill-persuna taghha.

**Philippe Planteaux** xehed nhar il-15 ta' Settembru, 2016 u spjega li huwa *manager* fi skola tal-lingwi maghrufa bhala Sprachcaffe. Huwa jiftakar li fid-19 ta' Awwissu, 2016 ircieva telefonata minghand kollega tieghu li jahdem mieghu fl-istess post u dan staqsih jekk jistax inizzel footage tas-CCTV ghal studenta li riedet tkun taf x'kien gara fil-lejl ta' qabel, cioe' fil-lejl tal-Erbgha, jumejn (2) qabel. Huwa

staqsiha ghala riditu u hija qaltlu li kellha memorja biss ta' x'gara sa nofs il-lejl u riedet tkun taf x'gara wara nofs il-lejl waqt li kienet fi triqitha lejn l-appartament.

Irnexxielu jnizzel ir-*recording* dakinhar stess wara nofsinhar. Beda jara r-*recording* imbaghad ghadda kopja tieghu lill-pulizija. Wera wkoll ir-*recording* lill-allegata vittma. Huwa spjega li fil-fatt din it-tfajla rat il-footage tas-CCTV fil-prezenza tieghu mbaghad regghet marret siegha wara ma' xi hbieb biex terga' tarah imma huwa rrifjuta li jurihulhom u ddecidiet li ccempel lill-pulizija. Il-pulizija staqsih liem kien l-appartment ta' Yannick u huwa akkumpanja l-pulizija fl-appartment ta' Yannick Jonathan Chatelle. Fil-fatt Yannick kien fil-kamra tas-sodda tieghu u l-pulizija fil-prezenza tieghu staqsewh jekk huwa kienx ghamel sess mal-vittma u huwa kkonferma. Ix-xhud qal li Yannick gie mistoqsi jekk kienx uza *condom* u huwa kkonferma li iva. Huwa qal ukoll li qatt ma sforza lil hadd biex jaghmel l-att sesswali mieghu u sostna wkoll li t-tfajla qablet li taghmel l-att sesswali mieghu. Sussegwentement Yannick Jonathan kien akkumpanjat mill-pulizija. Ix-xhud zied li huwa talab lil wahda mill-membri tal-istaff li titkellem bl-Ispanjol sabiex takkumpanja lil Isabel Pantoja sal-Ghassa tal-Pulizija.

Zied jghid li aktar tard f'xil-hdax ta' bil-lejl (11:00) membri mit-team tal-forensika marru u ghal darb'ohra rega' fethilhom ix-xatba u akkumpanjahom sal-appartament fil-prezenza ta' Yannick. Hemmhekk ezaminaw kamartu, hadu l-hwejjeg tieghu u staqsewh x'kien liebes fil-gurnata in kwistjoni. Yannick kien wiegeb li ma setax jiftakar x'kien liebes ghaliex huwa kien ibiddel il-hwejjeg

darbtejn (2) jew tlieta (3) kuljum fis-sajf. Huma staqsewh fejn kien rema l-*condom* u huwa wriehom il-barmil taz-zibel fil-kcina. Ix-xhud qal li huwa tkellem mal-akkuzat u dan ikkonferma mieghu li huwa ma sfurzax lit-tfajla Spanjola sabiex taghmel is-sess mieghu.

Planteaux qal li tal-forensika ma sabuhx il-*condom* fil-barmil taz-zibel. Huwa gharaf lil Yannick bhala l-akkuzat. Qal ukoll li t-tfajla Spanjola qatt ma qaltlu li kienu quddiem kamritha wkoll. Huwa beda l-video minn ftit qabel nofsillejl tat-Tlieta. Ikkonferma li fid-DVD jidhru l-akkuzat u Isabel mexjin fil-kuridur. Spjega li huwa m'ghadx ghandu iktar il-video ghaliex dawn jinzammu sa hamest (5) ijiem u wara hamest (5) ijiem jerghu jirrekordjaw fuqhom. Mistoqsi jekk l-akkuzat kienx qallu li kien ipprova jaghmel is-sess mat-tfajla Spanjola imma ma rnexxielux, wiegeb li Yannick ma kien qallu xejn f'dak is-sens.

Illi l-imputat **Yannick Jonathan Chatelle** xehed minn jeddu b'mod volontarju nhar il-25 ta' Ottubru, 2016. Huwa qal li ghandu tlieta w ghoxrin (23) sena u jahdem bhala 'expert' fl-Accounts gewwa Ginevra. Huwa sseparat u ghandu zewgt (2) itfal. Qal li din hija r-raba' (4) darba li gie Malta. Din id-darba gie Malta ghal gimghatejn biex jitghallem l-Ingliz u kien qed joqghod gewwa l-iskola maghrufa bhala Sprachcaffe. Qal li kien iltaqa' mat-tfajla Spanjola fit-8 ta' Awissu 2016 gewwa l-iskola stess u fil-bidu kellhom relazzjoni ta' hbiberija. Fil-fatt ghamlu diversi attivitajiet flimkien, fosthom marru diversi drabi jieklu f'restaurants, fl-14 ta'Awissu marru Paceville u anke marru Kemmuna. Qal li waqt li kienu Kemmuna ghamlu xi hin

wahedhom flimkien u kienu bdew jersqu lejn xulxin fejn sahansitra bdew imissu lil xulxin. Ghalkemm qal li ma kinux koppja, sostna li kienu saru ftit aktar minn hbieb normali, filfatt kienu bdew jifflertjaw. Qal li fil-15 ta' Awissu, kien stedinha ghall-ikel gewwa l-iskola, fil-kamra ta' habib iehor taghhom, fejn kien hu stess li sajjar.

Ftakar li filghodu tal-15 ta' Awissu 2016 marru l-iskola, wara nofsinhar ma ltaqghux u filghaxija kielu flimkien fuq suggeriment tieghu stess. Qal li wara l-ikla kienu marru Paceville, pero' ma baqghux flimkien. It-tfajla filfatt kienet cemplitlu ghall-habta ta' nofsillejl pero' hu ma wegibhiex ghax ma ndunax li cemplitlu. Zied jirrakkonta li l-ghada, is-16 ta' Awissu, iltaqghu f'xis-sitta ta' filghaxija (6pm) u hija xtaqitu jerga' jsajjar u offriet li tixtri l-ingredjenti minn butha. Infatti marru jixtru flimkien minn go supermarket f'Pembroke u minn hanut tal-hut u wara sajjar hu gol-flat ta' habib tieghu li hu Germaniz li telaq minn Malta fl-10 ta' Awissu. Wara l-ikel hu u Isabel zifnu s-Salsa fit-terrazzin u hi riditu jghallimha l-passi. F'xil-hdax ta' bil-lejl imbaghad marru fil-parkegg li hemm quddiem l-iskola bhala grupp, ghaliex kienu qed jaghmlu hafna storbju. Mieghu kulhadd ha flixkun xorb, u filfatt hu kellu flixkin inbic Rose'. Kienu grupp ta' xi ghoxrin (20) ruh, ghax kien hemm ohrajn li ma kinux kielu maghhom. Baqghu jixorbu hemm ghal xi hin, imbaghad xi whud xtaqu jmorru Paceville. Isabel ma xtaqitx tmur maghhom u talbitu jwassalha sal-kamra taghha. Meta waslu l-iskola Isabel qaltlu *"I want to fuck"*. Insista li kienet cara f'dak li qaltlu u li riditu jmur maghha fil-kamra taghha. Allura mxew lejn il-kamra taghha li kienet tigi sular fuq il-kamra tieghu. Telghu fis-sular taghha, quddiem il-kamra taghha. Qal li waqt li kienu fil-parkegg

mal-ohrajn, Isabel kienet xorbot ukoll, flimkien kienu xorbu l-inbid li ha hu. Meta waslu fejn il-kamra taghha, bdiet tfittex ic-cwievet fuq persunitha, pero' ma setghetx issibhom. Spjega li kull appartament fih ukoll salott, u ghalhekk ikun hemm iktar minn cavetta wahda. Infatti fl-appartment tieghu kienu joqoghdu tlieta(3) u kulhadd kellu cavetta ghalih. Fil-fatt kulhadd ikollu cavetta tal-appartament u cavetta tal-kamra tieghu. Peress li ma sabitx ic-cwievet, iddeciew li jmorru fl-appartament tieghu. Qal li din kienet normali, li la ma sabitx ic-cwievet imorru ghandu. Barra minn hekk hi qaltlu li xtaqet tibqa' mieghu.

Spjega li fil-video Isabel tidher timxi b'mod stramb u dan ghaliex kienet ewforika kemm minhabba x-xorb li xorbot kif ukoll ghax xtaqet ikollha x'taqsam mieghu. Min-naha l-ohra qal li sa dak il-hin hu kien ghadu ma ddecidiex x'kien se jaghmel ghaliex ma kienx ihossu ecitat u hi m'ghamlet xejn biex tecitah.

Meta dahlu fil-flat tieghu, qaghdu fis-salott fuq is-sufan u bdew jitkellmu fuq il-programm tal-ghada u l-granet li kienu gejjin ghax riedu jmorru beach party. Sostna li hu ma xtaqx jibqa' hemm izda xtaq imur Paceville mal-ohrajn, tant li fil-video jidher li effettivament ma kienx ghalaq il-bieb. Lil Isabel qalilha li setghet tibqa' hemm u torqod fuq is-sufan. Hi riditu jibqa' maghha u qaltlu li fil-kaz kienet sejra mieghu Paceville, filfatt qamet immedjatament u harget fuq it-terrazzin u waqghet fil-kuridur li jinfed ghat-terrazzin. Hu pprova jaqbadha biex ma tweggax izda ma rnexxilux. Qaltlu li ma setghetx timxi u allura hu qalilha li ma kinitx f'kundizzjoni li tasal sa Paceville u li kien ikun ahjar li tibqa' tistrieh hemmhekk u ghalhekk ghenha

tidhol fil-kamra. Biex tmur lura fil-kamra hemm targa u hija tfixklet u zammet mal-hajt. Wera lill-Qorti kif fethet idejha biex izzomm mal-hajt.

Sostna li hi kienet taf x'kien qed jigri u fl-ebda hin ma thabtet jew ippruvat tahrab minn mieghu jew ghajtet. Qal li l-kmamar huma vicin ta' xulxin, u li kieku ghajtet xi hadd kien jismaghha. Regghu lura fuq is-sufan u hi talbitu jibqa' maghha u ma jmurx Paceville, bdiet tbusu u tmissu u anke pproponietlu biex jidhlu fil-kamra tas-sodda tieghu ghax tassew xtaqet tibqa' mieghu. Dahlu fil-kamra tieghu, bdiet tbusu fuq xufftejh b'manjier li bdiet tattirah u tecitah, imteddet fuq is-sodda u gibditu ghal fuqha. Sa dak il-hin kienu ghadhom bil-hwejjeg. Waqt li kien fuqha nehhietlu x-shorts u l-qalziet ta' taht. Ix-shorts tieghu kellu xi tlieta (3) jew erba' (4) buttuni fuq quddiem. Huwa nezzaghlha l-qalziet ta' taht taghha. Qam bil-wieqfa biex jilbes *condom* pero' ma rnexxilux ghax ma kellux iktar *erection* u ma kienx ghadu ecitat. Qalilha li ma kienu se jaghmlu xejn u hi rrabjat. Qaltlu xi kliem bl-Ispnjol li hu ma fehemx x'kienu. Mar fuq is-sodda l-ohra li kien hemm fil-kamra tieghu u wara xi hames minuti t-tfalja rremettiet. Din ma kinitx l-ewwel darba li raha tirremetti ghax il-gimgha ta' qabel kienet xorbot flixkun birra f'daqqa u wkoll irremettiet pero' wara xorta kienet kompliet tixrob l-inbid. Meta Isabel irrmettiet fil-kamra tieghu, iddecieda li johodha f'kamritha u jnaddaf. Huwa u jnaddaf tqalla'.

Spjega li kien jaf li fl-appartament taghha kien hemm in-nies u ghalhekk iddecieda li jhabbtilhom biex jifthulu w idahhluha gewwa. Filfatt fethulu w peress li ma kinitx sabet ic-cwievet kellhom ihalluha

torqod fuq is-sufan taghhom. Hu mar lura fil-kamra tieghu fejn qaghad inaddaf bil-lozor. Imbaghad il-lozor qabadhom u harighom barra. Spjega li biex inaddaf sewwa l-ewwel pogga l-qalziet ta' taht u z-zarbun tat-tfajla barra fuq il-lozor. Il-lozor hallihom barra biex l-ghada tohodhom is-seftura.

Mistoqsi jekk filfatt tkellimx mas-seftura, l-imputat wiegeb li l-ghada filghodu kien skuza ruhu w avzaha li fil-lozor kien hemm ir-remettar u anke taha 'tip' zejda minhabba dan. Wara li kien naddaf, fetah it-tieqa pero' r-riha kienet ghadha hemm u ghalhekk hareg u mar lejn Paceville forsi jsib lil shabu, pero' ma rahomx u rega' lura. Sadanittant ir-riha kienet naqset xi ftit.

Kompla jghid li l-ghada, cioe' l-Erbgha 17 ta' Awissu, kien ra lil Isabel quddiem il-klassi u kien taha z-zarbun u l-mobile, imma l-qalziet ta' taht ma tahulhiex ghax kien hemm in-nies. Sostna li ma kinitx hi li talbitu z-zarbun u l-mobile imma qabad u tahomlha hu minn rajh. Imbaghad f'xi nofsinhar staqsietu x'kien gara fil-lejla ta' qabel u hu haseb li qed tghidlu ghall-fatt li ma kellux erection u allura ma setax ikompli maghha. Allura hu qalilha li jkun ahjar li jinsew kollox ghax ma kinitx esperjenza li rnexxiet. Sa dak il-hin hi kienet ghadha ma gabritx il-qalziet ta' taht taghha minn wara l-bieb tieghu u haseb li ma riditux. Ghalhekk gabru w ra li kien fih xi ticpis, li ma jafx jekk kienx remettar jew 'period', u ramih fiz-zibel ta' quddiem l-appartament.

Fis-17 ta' Awissu Isabel regghet marret tiekol mieghu ghand siehbu. Mieghu kienet qed tagixxi normali bhal qabel. Dakinhar hi xorbot il-

lejl kollu bhall kull filghaxija. Fid-19 ta' Awissu regghet marret fl-appartament tieghu u rat li kien hemm tfajliet ohra. Huwa dehrlu li bdiet tghir. Quddiem kulhadd staqsietu jekk kienx kellhom relazzjoni sesswali bejniethom. Hu haseb li riedet timbarazzah u ma riedx juri quddiem kulhadd li kellu problem bl-erection, u ghaldaqstant qabad u qalilha li iva kellhom x'jaqsmu flimkien. Qal li kieku kellmitu wahdu kien jispjegalha kollox x'gara. Dak il-hin imbaghad telqu kollha lejn ir-restaurant.

L-imputat qal li hu mhux konvint li Isabel ma ftakritx x'kien gara u li hija stramba li tiftakar li talbitu jwassalha u d-dettalji ta' x'kien gara ftit qabel, per ezempju li ma kellux trabixu biex jiftah l-inbid, u mbaghad f'daqqa wahda nsiet kollox. Fil-fehma tieghu jekk tiftakar dan ma jistax ikun li nsiet x'gara minuta wara. Skont hu l-kwistjoni kollha kienet li hija bdiet tghir jew li beda jiddispjaciha ta' dak li kienet ghamlet, pero' zied li mhux tort tieghu ghax hu fl-ebda hin ma sfurzaha, anzi filfatt kienet hi li hadet l-inizjattiva tant li anke stednitu fil-kamra taghha. Wara kollox lanqas seta' jkollhom din ir-relazzjoni. Sahaq li l-ghada hi mxiet mieghu b'mod normali w kien biss wara tlett (3) ijiem, meta bdiet tghir, li marret ghand il-pulizija.

B'referenza ghar-ritratt a fol. 42 tal-atti, l-imputat gie mitlub jaghti spjegazzjoni tad-direzzjoni. Spjega li fl-ewwel ritratt li jinsab fil-parti ta' fuq ta' dan id-dokument jidher il-hrug tal-Isprachcaffe' minn fejn ghadda biex imur jiltaqa' mal-hbieb. Spjega li f'dan ir-ritratt tidher it-tfajla hierga u qal li l-kamra taghha tinsab fil-faccata. Kompla jispjega li biex imur mill-kamra tieghu lejn il-kamra tat-tfajla, wiehed ikollu jdur lejn ix-xellug, filwaqt li jekk wiehed idur lejn il-lemin isib

il-hrug tal-Isprachcaffe'. Faccata tal-kamra tieghu kien hemm biss kuridur u xejn iktar. Dwar it-tieni ritratt qal li hawn it-tfajla tidher se taqa' ghax ma ratx it-targa.

Rigward il-faxxiklu pprezentat mis-Scene of the Crime Officer, partikolarment b'referenza ghar-ritratt 16BSU120 a fol. 84 tal-atti, qal li dak huwa x-shorts li kien liebes hu dakinhar. Saritlu referenza ghad-dikjarazzjoni maghmula minnu fl-ahhar parti tal-istqarrija tieghu, a fol. 17 tal-process, u sostna li hass il-htiega li jaghmel tali dikjarazzjoni ghaliex huwa ragel sew u ma jaghmilx dawn it-tip ta' affarijiet u missier ta' zewgt (2) itfal. Dehrlu li kellu jghid hekk ghax din hi l-verita'. Hu missier ta' familja u m'ghandux ghalfejn juza vjolenza ma' xi tfajla, jekk tfajla tghidlu le, jfittex ohra u m'ghandux bzonn jistupra l-ebda tfajla. Zied jghid li hu qatt ma kellu problem mal-gustizzja u ma jistax jifhem kif spicca l-habs meta filfatt ma kien gara xejn. Inoltre qal li jiddispjacih li t-tfajla qalet li nsiet kollox, izjed u izjed meta kienet hi li fittxitu. Tenna li kieku marret issibu wahdu kien jghidilha li ma kellhomx att sesswali bejniethom. Inoltre zied li kemm dam il-habs ma setax ifittex lin-nies li setghu jghinuh ghaliex hafna minnhom lahqu telqu minn Malta s-Sibt ta' wara l-incident. Sahaq li ghalkemm kien ghoxrin (20) persuna ohra lil min setghet titlob biex jibqa' maghha, Isabel talbet lilu. Ghal darb' ohra ikkonferma li fir-ritratt muri a fol. 144 tal-atti jidher ix-shorts li kien liebes dakinhar fejn jidhru wkoll il-buttini li fethitlu hi. Qal li l-ewwel li ma riedet relazzjoni sesswali bejniethom kienet Isabel u stqarr li mbaghad huwa wkoll xtaq li jkollhom x'jaqsmu. Insista li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet se tkun wahda konsenswali, pero' mbaghad din ir-relazzjoni ma kinitx possibbli. Stqarr li dakinhar it-tnejn li huma

kienu xorbu kemm inbid kif ukoll birra. Sostna li ghalkemm xorbu l-lejl kollu, Isabel xorta kienet fil-kontroll tal-imgieba taghha u filfatt baqghu jiddiskutu. Kellha problema biss biex timxi. Ghalkemm stqarr li kienu fuq xulxin, insista li ma kienx hemm penetrazzjoni. Cahad li pprova jahbi l-evidenza ghaliex kieku ma kienx ipoggiehom quddiem il-bieb tal-flat fejn seta' jarahom kulhadd.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni esebita fl-atti mill-Ispettur Nicolai Sant nhar il-25 ta' Ottubru 2016 u semghet lil Dr. Joseph Giglio jittratta l-kaz verbalment.

Rat illi f'din l-istess seduta l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju regjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

F'dan l-istadju, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal diversi sentenzi u awturi rilevanti ghall-kaz odjern.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Peter Ebejer'**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-

Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller v Minister of Pension**' - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et',** fejn gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker'** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Settembru 2002 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara'** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn

ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif provdut fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Joseph Thorne'** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-**artikolu 637** tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux" Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom, u x'interess seta' kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u

kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputata u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**,

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents is much more onerous than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fil-kaz in desamina, l-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma Isabel Pantoja Ludena tixhed u tispjega illi minn informazzjoni moghtija lilha mill-imputat stess hija kellha x'taqsam mal-imputat kontra r-rieda taghha tant li effetivament marret l-ghassa tal-pulizija taghmel rapport kontra l-imputat fejn allegat fost affarijietohra li dan stupraha u arrestaha kontra l-volonta' taghha. Tghid li hija ma tiftakar xejn dwar dak li gara pero' minn ammissjoni tal-imputat stess irrizultalha li kellha x'taqsam mieghu. Tghid ukoll li hija rat is-CCTV *footage* u ndunat li hija ghamlet xi hin fil-kamra tal-imputat u taf li l-ghada 17 ta' Awwissu 2016 hija spiccat qamet fuq is-sufan li kellha fis-salott taghha gewwa l-appartament taghha, pero' minghajr qalziet ta' taht. Ikkonfermat li kienet ilha taf lill-imputat u li kienet fil-kumpanija tieghu f'diversi okkazzjonijiet u li kienu hbieb. Stqarret ukoll li dakinhar tal-allegat incident hija kienet fil-kumpanija tieghu qabel f'appartament ta' persuna ohra u kienu kielu hemm ilkoll. Taf li f'xi hin spiccaw fil-Park & Ride ilkoll jixorbu u taf li hemmhekk xorbot ukoll mill-flixkun inbid Rose' li kellu l-imputat. Pero' tghid li minn dak il-hin 'il quddiem ma tiftakar xejn izjed. Cio' nonostante pero', kif jirrizulta mill-istills esebiti, mxiet lura lejn l-Isprachcaffe', ittentat tidhol fl-appartament taghha u wara spiccat dahlet fl-appartament tal-imputat. Xi nofs siegha wara tidher hierga mill-appartament tal-imputat u taqa' u jidher l-imputat jassistiha u jakkompanjaha gol-appartament taghha.

L-imputat min-naha tieghu mhux obbligat li jixhed jew li jipprova xi haga. Jista' joqghod u jistrieh biss fuq il-provi migbura. Fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-

kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-**Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi cio' nonostante minkejja li l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, xorta hass il-htiega li jirrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni u jixhed sabiex jispjega c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Jidher li l-imputat kien konsistenti f'dak li qal kemm fl-istqarrija li rrilaxxja ftit jiem wara li sehh l-allegat incident, kif ukoll nhar il-25 ta' Ottubru 2016, xahrejn wara. Zamm sod fis-sens li ta l-istess verzjoni tal-fatti fid-dettalji kollha taghhom.

L-imputat spjega fix-xhieda tieghu kemm dik moghtija fl-istqarrija kif ukoll dik moghtija *viva voce* li huwa kien jaf lil din it-tfajla Spanjola sa minn ftit taz-zmien qabel ma sehh dan l-allegat incident. Jghid li kien hareg fil-kumpanija taghha u ta' ohrajn f'diversi okkazjonijiet, tant li marru l-Imdina, Paceville u Kemmuna u anke kielu, zifnu u xorbu flimkien. Jghid li din it-tfajla kienet tifforma parti minn grupp ta' studenti.

Dwar il-lejl in kwistjoni huwa ta spjegazzjoni dettaljata dwar dak li kien gara. Qal li dakinhar huwa kien mar ma' din it-tfajla jixtru xi ingredjenti sabiex hu jkun jista' jsajjar ghalihom u ghal studenti ohra gewwa appartament ta' habib tieghu. Qal li huwa jhobb isajjar u t-tfajla xtaqitu jsajjar. Kien ghalhekk li organizzaw cena fit-terrazzin li jinsab faccata l-appartament tal-habib tieghu. Fil-ghaxija iltaqghu il-grupp kollu w xorbu birra, inbid u *cocktails* ilkoll flimkien. Qal li anke spiccaw jizfnu kif qalet Ludena stess u hija xtaqet li huwa

jghallimha xi passi taz-zfin u ghalhek bdiet tizfen mieghu ukoll. Spjega li f'xi hin kien hemm hafna storbju u kien qed isir il-hin u ghalhekk kienu gew mitluba mis-Security sabiex jaggornaw x'imkien iehor. Ilkoll kemm huma marru fil-car park tal-Isprachcaffe' u komplew jiffesteggjaw hemm. Jghid li huma kollha hadu maghhom xi xorb u huwa kien ha flixkun inbid Rose'. Jghid li veru dan il-flixkun kien maghluq u li kien nesa t-trabixu. Jghid li pero' imbaghad irnexxielu jifthu u kien hemm xi mumenti meta din it-tfajla anke xorbot minnu. Qal li kemm hu kif ukoll din it-tfajla kienu xorbu konsiderevolment pero' t-tnejn kienu jafu x'kienu qed jaghmlu.

Spjega li wara xi hin iz-zghazagh xtaqu jmorru Paceville pero' din it-tfajla ma riditx u talbitu sabiex jakkompanjaha lejn l-appartament taghha. Qal li huwa mexa maghha lura lejn l-appartament u meta waslu quddiem il-bieb tal-appartament taghha indunat li ma kellhiex ic-cwievet u bdiet tfittixhom fuq il-persuna taghha w hu beda jghinha. Dawn ic-cwievet baqghu ma nstabux. Ghalhekk qalilha li setghet tmur fl-appartament tieghu sabiex tistrieh hemmhekk. Huma flimkien nizlu sular ghaliex l-appartment tieghu jinsab sottostanti ghal taghha u fetah l-appartament tal-bieb tieghu. Qalilha biex tistrieh fuq is-sufan li hemm fis-salott u minnufih bdew jitbewsu w imissu lil xulxin. Jghid li sa dak il-hin ma kellu hsieb ta' xejn ghaliex la kien ecitat u lanqas attirat lejha. Wara xi hin issugeriet li jidhlu fil-kamra tieghu u huwa accetta w hi spiccat mimduda fuq is-sodda. Jghid li gibditu ghal fuqha u bdiet tnehhilu l-buttuni tax-short tieghu. Qal li huwa nehha l-qalziet ta' taht taghha. U komplew jinnamraw, jitbewsu w jitmellsu. Jghid li f'xi hin qam minn fuqha sabiex jilbes il-protezzjoni pero' ma rnexxilux ghaliex ma kellux erezzjoni w ghalhekk ma xtaqx ikompli w

mar fuq is-sodda l-ohra li kien hemm fil-kamra biex jorqod. Hija mbaghad irremettiet u qam u talabha biex tmur f'kamritha biex b'hekk ikun jista' jnaddaf. Jghid li huwa akkompanjaha lura lejn il-kamra taghha ghaliex sadanitant kien wasal xi hadd u meta akkompanjaha lura fl-appartament taghha waqghet fil-kuridur ghaliex ma ratx it-targa li kien hemm, ghenha tqum u dahhalha fl-appartament taghha. Jghid li vera kellha diffikulta' biex timxi pero' kienet taf x'qed taghmel tant li qaltlu *'I want to fuck'*.

Wara halliha fuq is-sufan taghha fis-salott tal-appartament taghha u rritorna lura lejn l-appartament tieghu. Dawn il-movimenti tieghu huma kollha registrati fl-istills mehuda mil-filmat tas-CCTV. Jghid li nehha l-lozor kollha u poggihom wara il-bieb principali tal-appartament tieghu u jghid ukoll li pogga l-qalziet ta' taht taghha flimkien mal-flipflops taghha wara l-bieb tieghu. Jghid li fuq il-qalziet ta' taht taghha kien hemm ukoll xi qtar ta' demm. Mistoqsi ghaliex kien ghamel hekk jghid li r-riha fil-kamra kienet qawwija hafna u fetah it-tieqa sabiex tinbidel l-arja.

Jghid li l-ghada huwa ta il-*flipflops* lura lilha flimkien mal-mobile taghha. Jghid li ma tahiex il-qalziet ta' taht ghaliex haseb li kienet ratu u ma riditux stante li kien mahmug. Huwa jichad li kellu x' jaqsam maghha kontra l-volonta' taghha, anzi jghid li l-*fondling* li kien hemm gie mitlub, jew ahjar beda, min-naha taghha. Jghid li huwa ma setax ikollu x'jaqsam maghha sesswalment ghaliex kien xorob u ma setax ikollu erezzjoni. Jghid li madwar il-kamra tieghu hemm kmamar ohra ohra u kieku sforzaha kienet tghajjat u kienu jisimghuha in- nies u minn dan ma kien hemm xejn. Qal li l-ghada

kienet staqsietu x'kien gara quddiem shabu u hass li kellu jghidilha li kellhom x' jaqsmu ma' xulxin ghaliex staha jghid li ma setax ikollu erezzjoni. Qal pero' li kieku staqsietu meta kien wahdu ma kienx jghidlha hekk. Jghid li huwa ma jemminx li efffetttivament ma kinitx taf x'kien gara. Oltre dan jghid li hija ghamlet ir-rapport fil-konfront tieghu tlett (3) ijiem wara li sehh dan l-incident meta rat li kien fil-kumpanija ta' xi nisa ohra u ghalih kienet qed tghir.

Dr. Mario Scerri jghid li zsamina lil Ludena u jghid li ma kien hemm l-ebda sinjali li jindikaw li kien hemm xi stupru jew penetrazzjoni kontra l-volonta' taghha. Qal li l-grif li kellha ma kellhomx x'jaqsmu ma' allegat stupru. In otlre jghid li dakinhar li ezaminaha kellha il-*period* u ghalhekk kellha xi dmija. Jghid ukoll li meta persuna tkun xorbot huwa probabbli li ma jkunx jista' jkollu erezzjoni u jghid ukoll li meta persuna tixrob mhux bilfors ma tkunx taf x'inhu ghaddej ghalkemm kien hemm kazijiet meta sehh hekk.

Dr Marisa Cassar is-Serologista wkoll tikkonferma li fuq il-hwejjeg intimi ta' l-imputat ma nstab l-ebda DNA ta' mara u fuq il-hwejjeg taghha ma kienx hemm id-DNA tal-imputat.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment:</u>**

L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit fl-ordinament guridiku taghna. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprobdi li:

***Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati...***

Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe' l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu genital ta' persuna fl-organu genital ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollo0x, huwa bizzejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.

Illi ghalhekk l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali, li jkun maghmul kontra l-volonta' tal-vittma, bi vjolenza.

Illi dwar dan l-element ta' vjolenza l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk:

*This is the characteristic element of the crime of rape and serves to distinguish it from other crimes...it is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it,...*

*The Law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: all the rest boils*

*down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempts to determine a priori the intensity, the character and the degree of violence required would have been in vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime...*[1]

Illi dwar il-prezunzjoni ta' vjolenza f'certi kazijiet il-Professur Mamo ikompli jispjega li:

*...our Law, like other Laws, has created certain presumptions with regard to this element of violence. Section (201) lays down that the unlawful carnal knowledge shall be presumed to be accompanied with violence... When the person abused was unable to offer resistance owing to physical of mental infirmity or for any other cause independent of the act of the offender...*

Illi dan l-aggravju huwa dak predispost fl-Artikolu 201(b) tal-Kapitolu 9 u fil-fatt, ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, huwa addebitat lill-imputat.

Illi dwar dan l-aggravju b'mod partikolari l-Professur Mamo jkompli hekk:

*With regard to the incapacity arising from the other causes independent of the act of the offender, this includes the case in which the victim was in a state of insensibility from liquor having been made*

[1] Ref. Notes on Criminal Law Vol II pagna 194 et seq.

*drunk by the prisoner (even though the liquor was given only for purposes of exciting her) or the case in which the victim was asleep.*

Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' stupru Blackstone (Criminal Practice 2009 edition)[2] jghid hekk:

*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it ... Common Law principles ... suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is ...intoxicated by alcohol or drugs. These principles...still apply...*

Illi dwar il-kapacita' ta' persuna li taghti l-kunsens ghal xi attivita' sesswali f'kaz ta' sokor anke meta is-sokor kien volontarju, Blackstone ikompli hekk:

*In a case where there is evidence that the complainant was voluntarily intoxicated through drink or drugs, the following points may need to be addressed...*

a) *Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, and the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then*

[2] B316 pagna 278.

*she has consented no much she may regret later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make a decision whether to agree by choice.*

*b) However if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drinks or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree.*

*c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance she may in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternately she may have been affected to such a degree, that whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all.*

*d) If a person is asleep or has lost consciousness through drinks or drugs, she cannot give consent, and that is so even if her body responds to the accused's advances."*

Dan ir-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe' l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jezistu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament ikkommetta r-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.

Xi jfisser jew x'inhu stupru?

Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa *rape* u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe' fil-ghaqda ta' gisem ma' gisem iehor. Stupru ghalhekk ifisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew ikkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-*hymen* u emissjoni ta' *semen* mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat.

It-tieni element essenzjali f'dan ir-reat huwa dak ta' vjolenza u dan irid jissussisti indipendentement jekk il-vittma offrietx rezistenza jew le. Jigifieri mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhiex il-volonta', imma irid ikun hemm ir-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din ir-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac-cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn il-vittma mhix persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' rezistenza setghet toffri l-vittma, wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta' tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.

Skond il-**Professur Mamo fin-Noti** tieghu The Criminal Law**,** jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan ir-reat.

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179*** jghid:

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta' della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze dei fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Issa skond l-Artikolu 201 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent meta:
(a) ommisses
(*b*) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel fl-ismijiet i**l-Pulizija vs James Demanuele**[3]**,** il-Qorti stqarret li "il-ligi taghna in tema ta' stupru tirikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-vjolenza.[4] Tali vjolenza tista' tkun fizika jew morali (jew naturalment

[3] Deciza nhar it 2 ta Ottubru 2010.
[4] Sotolinear ta' din il-Qorti.

it-tnejn flimkien). Il-ligi pero' ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzata, biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari fuq l-eta' tas-suggett attiv u tas-sugett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom kif ukoll fuq ic-cirostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal-kawza u l-effett, ta' mezz u fini.

Id-Difiza sostniet li kellha tkun il-Prosekuzzjoni li tipprova li kien "hemm raguni ohra indipendenti mill-eghmil ta l-imputat." Sostniet li l-legislatur ma pprovda l-ebda inverzjoni dwar il-prova li ghandha ssir ghall-ezistenza ta' din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha ssostni li l-allegata vittma Isabel Pantoja Ludena ma kinitx fi stat li tiehu hsieb il-persuna taghha minhabba li kienet fi stat ta' sokor. Illi kif tajjeb osservat id-Difiza mhux bizzejjed li l-Prosekuzzjoni taghmel asserzjoni bhal din, izda kien jispetta lilha tressaq prova dwar dan, jekk mhux wahda okulari almenu wahda xjentifika. Jinghad li l-Prosekuzzjoni kienet taf bl-ezistenza ta' dan ir-rapport fi zmien tlett (3) ijiem wara li allegatament kien sehh dan l-incident, pero' ma ressqet lill-ebda persuna li kienet fil-kumpanija tal-allegata vittma u tal-imputat dakinhar tal-incident, minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet taf bl-ezistenza ta' festin li kien sehh qabel ma sehh dan l-incident. Kemm l-allegata vittma kif ukoll l-imputat fid-deposizzjoni tieghu, jghidu li kienu fi grupp ta' nies u li kienu qed jieklu u jixorbu ilkoll flimkien. Kien jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova il-qaghda tal-allegata vittma. Huwa minnu li

l-allegata vittma tghid li ma tiftakar xejn x'gara nill-hdax ta' bil-lejl ta' lejliet l-incident, pero' l-Qorti ma thossx li tista' toqghod fuq tali stqarrija *ut sic*. Jidher mill-filmat li gie esebit li l-allegata vittma imxiet lejn l-appartament taghha minkejja li forsi ma kienitx soda fuq saqajha. Dan ghalhekk ifisser li ma kienetx qed issofri minn xi amnezija totali. Jidher ukoll li wara nofs siegha li dahlet fl-appartament tal-imputat hija harget wahedha qabel l-imputat, u ghalkemm tassew li waqghet u kellu jigborha pero' xorta jibqa' l-fatt li mxiet wahedha. Persuna li tkun *knocked out,* kif donnha xtaqet lil din il-Qorti temmen, ma kienitx tkun f'posizzjoni li timxi. In oltre wkoll jinghad li l-vittma ma ddeskriviet l-ebda att li seta' sehh bejnha u bejn l-imputat filwaqt li l-imputat jghid li verament kien amoruz maghha, fuq domanda taghha stess, pero' fl-ebda hin ma kien hemm penetrazzjoni ghaliex ma setax ikollu erezzjoni. Jghid li dakinhar verament kien xorob u ghalhekk kien hemm impediment fiziku. Jghid li in-namrar li sehh bejniethom sar fuq rikjesta taghha, ghalkemm jghid li huwa ikkonsentixxa. Jghid li kollox sehh b'mod konsenswali.

Il-Qorti ssibha difficli temmen ukoll ghaliex l-allegata vittma kellha tmur taghmel rapport tlett ijiem wara li sehh l-allegat incident, meta ndunat li qamet fis salott taghha bla qalziet ta' taht l-ghada filghodu. Kieku verament kienet inkwetata jew koncernata kellha titlob li tara is-CCTV *footage* minnufih u mhux tistenna li tistaqsi lill-imputat sabiex jghidilha hu x kien gara meta kien fil-kumpanija ta' tfajliet ohra u wara titlob li tara l-filmat. Jinghad ukoll li mill-filmat ma jidher xejn dwar l-allegat relazzjoni li tallega li kellha. Tidher biss miexja flimkien mal-imputat sejrin fid-direzzjoni tal-appartament taghha u wara spiccaw fl-appartament tieghu.

In oltre l-Prosekuzzjoni setghet ukoll taghmel xi testijiet xjentifici fuq id-demm li nstab fuq il-qalziet ta' taht li gie ezaminat mis-Serologista sabiex jigi analizzat ghall-konsum ta' *alcohol* li seta' kellha din it-tfajla. Dr. Mario Scerri jghid li minn ezami mediku li ghamel ma sab xejn li jindika li kien hemm xi relazzjoni sfurzata u lanqas li kien hemm xi penetrazzjoni. Jghid li f'kazijiet meta jkun hemm stupru, u cioe' l-att sesswali minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, ikun hemm xi sinjali vicin il-parti taghha li f'dan il-kaz ma kienx hemm. Ikkonferma wkoll li persuna li tixrob xorb alkoholiku f'ammont konsiderevoli, jista' ma jkollux erezzjoni. Dan ghalhekk kollu jikkorrobora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat kemm *a tempo vergine* kif ukoll aktar tard fil-Qorti meta ghazel li jixhed.

Ghalhekk il-Qorti mhix konvinta li dan ir-reat ta' stupru effettivament sehh.

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat ta' attentat ghall-pudur bil-vjolenza, liema Artikolu jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jehel.....*"

Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u *stante* li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1)

imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Isabel Pantoja Ludena.

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti tal-Appelli Kriminali tghallem li:

"L-attentat vjolenti ghall-pudur - il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghall-pudur, hu kostitwit minn *tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta*[5]*. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato*".

Kif gie imfisser fis-senteza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gerald Cassar**[6] "l-attentat vjolent ghall-pudur jew oltragg vjolent ghall-pudur hu kostitwit minn dawk l-atti impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-Artikoli qabel dak humru 207 tal-Kodici Kriminali.

[5] *Sottolinear ta' din il-Qorti.*

[6] *Ref.: Pulizija vs Gerald Cassar Appell Kriminali, Deciza fit-18 ta Lulju 1959*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Micallef</u>**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud</u>*** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur"* (p. 933).

Issa fil-kaz in desamina mhux qed jinghad li ma kienx hemm xi atti impudici li gew kommessi fuq il-persuna ta' Isabel Pantoja Ludena, izda li dawn gew kommessi bil-kuntentizza taghha, anzi addiritura kif jghid l-imputat fuq rikjesta taghha li nduciet lilu biex jinnamra maghha. Illi l-allegata vittma mhix minorenni u ghalhekk li kieku ma kienitx kuntenta b'dak li kien ghaddej setghet facilment twaqqaf lill-imputat u mhux tkompli mieghu kif stqarr l-imputa stess. L-imputat deher genwin fix-xhieda tieghu, deher kompost u spjega bid-dettal dak li kien sehh u kull ma qal effetivament kien gie korroborat kemm mill-allegata vittma stess kif ukoll mill-esperti nominati fl-inkjesta li nzammet a bazi ta' dan ir-rapport taghha. Illi ghalhekk in vista tal-fatt li dak li sehh bejn il-partijiet sehh b'mod konsenswali bejn zewg adulti, din il-Qorti ser tieqaf hawn fir-rigward ta' din it-tieni (2) akkuza.

[7] Deciza fit-13 ta' Novembru 1998

Fit-tielet (3) lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta’ arrest u zamma illegali kif dispost fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 u cioe’ b’delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi li sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi li:

*"Kull min bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista’ jinstab hati ta' din l-akkuza *una volta* u principalment meta m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita’ kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita’ skond il-ligi ta' awtorita’ kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min-naha l-ohra jista’ jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Isabel Pantoja Ludena?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-Artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn - ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista’ jsir kontra l-volonta’ tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista’ jiehu u

l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-Titolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal l-Artikolu 86 taghna[8] billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di diritto penale**[9] jghid:

[8] Fol 112 paragrafu 788 Vol II.
[9] Ed. 1977 pg 134.

"*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto* *__impossibile ogni via di scampo.__* *E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :

"*che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*".

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Andrew Bonnici__** huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li wara li spjegat it-tifsira tar-reat ta' sekwestru ta' persuna trid issa tezamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

L-allegata vittma fl-ebda hin fix-xhieda taghha ma tghid li hija pprovat titlaq 'l hemm jew li l-imputat zammha milli ticcaqlaq. Jirrizulta mill-istills esebiti li l-bieb tal-appartament fejn kienet l-allegata vittma flimkien mal-imputat kien miftuh. Ma jirrizultax li f'xi hin bdiet tghajjat jew titlob l-ghajjut anzi tikkonferma li l-imputat kien habib taghha sa ftit qabel. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lil hadd

sabiex jghid li sema' xi storbju jew ghajjat jew xi hadd jitlob l-ghajjut. Anke meta l-imputat ghen lill-vittma tmur f'kamritha, ma jirrizultax li f'xi hin uzat xi opposizzjoni mieghu, anzi waqt li kienet fil-kumpanija tieghu, kif del resto jirrizulta mill-istills kienet fuq saqajha miexja wahedha. Ghalhekk kieku dan kien veru jinghad li l-allegata vittma kienet titlaq 'l hemm minflok ma tibqa' fil-kumpanija tieghu. M'hemmx dubbju li l-allegata vittma maret fl-appartament tal-imputat ghaliex xtaqet, kif jghid l-imputat stess, li jkollha x'taqsam mieghu, pero' meta rat li l-imputat ma rnexxilux u ratu fil-kumpanija ta' nisa ohra xi jiem wara, hasset il-htiega li tpattihielu u tirraportah. Minkejja li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat ukoll bl-aggravju kif dispost fl-Artikolu 87 (1) (g) tal-Kap. 9, din ukoll ma tirrizultax stante li r-reat *ut sic* kif kontemplat fl-Artikolu 86 ma jirrizultax.

Fil-fehma ta' din il-Qorti li ghexet il-process kollu u setghet taghmel apprezzament tax-xhieda kemm tal-allegata vittma kif ukoll tal-imputat, l-imputat kien hafna aktar kredibbli fil-versjoni tal-fatti kif esposti minnu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 86, 87 (1) ( g), 198, 201 (b) u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat YANNICK JONATHAN CHATELLE hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can
Magistrat**